**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 7.2.10: IL-ĦAMES ĦADD TAŻ-ŻMIEN MATUL IS-SENA.**
Illum iċ-Ċentru tal-għoti tad-demm se jkun miftuħ mit-8.00a.m. Sas-1.00p.m. Fl-Isptar Ġenerali għal min jixtieq jagħti d-demm. Wieħed jieħu l-karta ta' l-Identita' miegħu.
**Fil-4.00p.m.** Quddiesa li fiha jiġi ċelebrat is-Sagrament tal-Magħmuidja.

**IT-TLIETA, 9.2.10: VELJA DJOCESANA.**
Fl-okkażjoni tal-1950 sena mill-miġja ta' San Pawl f'Malta u anke bi tħejjija għall-miġja tal-Papa f'Malta f'April li ġej, se ssir Velja ta' Talb mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech u li tibda bil-quddiesa, fis-**6.00p.m.** Fil-parroċċa tal-Munxar.
Kulħadd huwa mistieden biex jieħu sehem f'din il-Velja.
**NOTA:** Biex wieħed ikun jista jieħu sehem, fil-parroċċi kollha ta' Għawdex l-aħħar quddiesa fil-għaxija se tkun **fil-4.30p.m.** Wara dan il-ħin mhux se jkun hawn ebda funzjoni fil-knisja.

**L-ERBGĦA, 10.02.10: SOLENITA' TAL-APPOSTLU MISSIERNA SAN PAWL, PATRUN TA' MALTA.**
Illum għandna l-OBBLIGU li nieħdu sehem fil-quddiesa
Il-quddies illum ikun bħal nhar ta' xogħol, pero jkun hawn quddiesa oħra fil-**11.00a.m.**

**IL-ĦAMIS, 11.2.10:** Tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija ta' Lourdes.

**JUM MONDJALI TAL-MORDA**

Illum fit-talb tagħna, niftakru b'mod speċjali fil-morda kollha.

**IS-SIBT, 13.2.10: Fis-6.45p.m.** Inkomplu l-laqgħat tal-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ fil-parroċċa. Din l-laqgħa tkun fid-dar parrokkjali.

**IL-ĦADD, 14.2.10: IS-SITT ĦADD TAŻ-ŻMIEN MATUL IS-SENA**
**Fil-10.30a.m.** Quddiesa bis-sehem tal-Persuni b'diżabilita' minn Għawdex kollu u wara l-Parroċċa se toffrilhom Party fid-Dar Parrokkjali.
**Fil-10.30a.m**. Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa dedikata lill-Morda se ssir quddiesa fil-Parroċċa ta' San Lawrenz għal dawk li jduru bil-morda tobba, nurses, sacerdoti, Kumitati ecc.

**KORS TA' TĦEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ**
Il-Moviment ta' Kana se jibda kors ta' tħejjija għaż-żwieġ fiċ-Ċentru ta' Kana Victoria. Ikun nhar ta' Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd u jibda il-ġimgħa 19 ta' Frar.
Dawk interessati għandhom imorru fiċ-Ċentru ta' Kana biex jimlew il-formula ta' l-applikazzjoni u jiftehmu f'liema ġurnata se jattendu.

**SWINE FLU**
Is-Segretarjat Parlamentari għall-Kura fil-Komunita' javża li t-tilqima kontra l-influwenza AH1N1 qed tingħata lil kulħadd b'xejn fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex bejn it-tminja u s-siegħa ta' wara nofs inhar.

**SONG FESTIVAL MARJAN**
Il-Legjun ta' Marija se jorganizza s-Song Festival Marjan s-Sibt 8 ta' Mejju 2010. Miftuħ għal kantanti 'l fuq minn 10 snin u għall-korijiet. Applikazzjonijiet jinkisbu mill-Post tal-Legion of Mary fi Pjazza Santu Wistin Victoria, nhar ta' Tlieta bejn il-5.00 u s-6.00p.m.

**Ġabra**:
Il-Ġabra li saret għall-Art Imqaddsa fil-parroċċa tagħna kienet is-somma ta' €509.26 Grazzi.